Minuti tal-Laqgħa nru 50 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 2 ta' Diċembru 2010 fis-7.00 p.m.

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa l-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.30 | 8.00 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.25 | 8.00 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.00 | 8.00 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.10 | 8.00 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.25 | 8.00 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.20 | 8.00 |
| Kunsillier Paul Agius | Assenti | - |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.25 | 8.00 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.20 | 8.00 |
| Kunsillier John Mary Camilleri | 7.15 | 7.45 |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.15 | 8.00 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Qabel ma l-Kunisll għadda biex jibda jiddiskuti l-items ta' fuq l-aġenda, il-Kunsillier John Mary Camilleri ppreżenta ittra ta' riżenja mill-kariga ta' kunsillier lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, u talbu sabiex jaqraha waqt il-laqgħa. Wara li nqrat l-ittra s-Sindku qal li f' isem il-Kunsill qed juri d-dispjaċir tiegħu għall-fatt li l-Kunsillier Camilleri kien wasal għal din id-deċizjoni u xtaq ukoll jirringrazzjah għax-xogħol tiegħu fil-Kunsill.

1.02 Il-Kunsillier Demartino min-naħa tiegħu filwaqt li wkoll irringrazzja lill-Kunsillier Camilleri tax-xogħol li dejjem ipprova jagħmel, qal li kienet sfortuna li dan il-Kunsill qatt ma apprezza l-kontribut li seta' jagħti s-sur Camilleri għall-ġid tal-Mostin. Semma wkoll il-fatt li l-laqgħat kienu jsiru apposta fi ġranet u f' ħinijiet meta l-Kunsillier Camilleri ma kienx ikun jista' jattendi, u dan minħabba x-xogħol tiegħu. Il-Kunsillier Demartino temm jgħid li qed jissuġġerixxi li b' sinjal ta' rispett lejn ~~il-Mosta u~~ l-Mostin, * il-Kunsill kellu jaġġorna din il-laqgħa sa kemm jiġi elett kunsillier ġdid.

1.03 Is-Sindku filwaqt li nnega l-fatt li l-laqgħat kienu jsiru apposta li ġranet meta l-Kunsillier Camilleri ma kienx ikun jista' jattendi, qal li ma jaqbilx li l-laqgħa kellha tiġi aġġornata sakemm jiġi elett membru ieħor fil-Kunisll.

1.04 Hawnhekk il-Kunsillieri Demartino, Farrugia, Mifsud u Fenech Adami ħarġu 'l barra mill-laqgħa, bil-konsegwenza li ma kienx għad hemm aktar quorum, u għalhekk il-laqgħa ma tkomplitx.

* li jirrappreżenta lis-Sur John Mary Camilleri

1.05 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, fuq domanda magħmula mis-Sindku, qal li l-Kunsillier Agius kien ċempel ftit minuti qabel ma bdiet il-laqgħa, u talab li jiġi skużat. Is-Sindku nsista li din it-talba ma tintlaqax u dan minħabba l-fatt li l-Kunsillier Agius kien ilu minn kmieni filgħodu fuq bank fil-pjazza ipejjep il-pipa, u li dan kien telaq bil-vettura tiegħu ftit ħin qabel ma kellha tibda l-laqgħa. Is-Sindku nsista li dan jitnizzel fil-minuti

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Cini
Aġent Segretarju Eżekuttiv